**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors numru: 337/2015**

**Enemalta Corporation**

**vs**

**Carmel Pace**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2016**

Il-Qorti;

Rat r-rikors promotur li jghid hekk:

> Illi in forza tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Novembru 2004 (Avviz Nru: 225/2001/1 JAB) kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A' l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma komplessiva ta' Lm 346.26 (tliet mija u sitta u erbghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu) li llum huwa ekwivalenti ghal €806.57 (tmien mija u sitt euro u sebgha u hamsin centezmu) rapprezentati danni sofferti mill-attrici oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji;

> Illi l-intimat ghadu sal-lum ma hallas xejn minn dan l-ammont dovut minnu u l-esponenti ghandha interess illi tkompli tesegwixxi kontra l-intimata sabiex tottjeni l-hlas;
>
> Illi minn dakinhar tas-sentenza sal-lum ghaddew (5) hames snin u ghaldaqstant l-imsemmija sentenza ma hiex aktar esegwibbli hlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artiklu 258 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tigi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Novembru 2004 u dana a tenur tal-artiklu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat Carmel Pace debitament notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni kif jirrizulta a folio 12 et sequitur tal-process, ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda ta' Marisa Cassar ghan-nom tas-socjetà rikorrenti li kkonfermat li l-bilanc ghadu dovut.

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat illi fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2016, is-socjetà rikorrenti ghalqet il-provi taghha u in vista tal-kontumacja tal-intimat, talbet sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna s-socjetà rikorrenti qeghda titlob illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Novembru 2004 u dana a tenur tal-artiklu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi mhux biss ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti izda ukoll naqas illi jidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontesta bl-ebda mod it-talbiet tas-socjetà rikorrenti.

Illi fis-seduta tat-13 t'April 2016 xehdet Marisa Cassar ghan-nom tas-socjetà rikorrenti li kkonfermat illi l-ammont dovut mill-intimat ghadu ma thallasx.

Illi mill-provi prodotti t-talba tas-socjetà rikorrenti timmerita li tigi milqugha.

Illi però, dawn il-proceduri saru necessarji biss minhabba illi s-socjeta' rikorrenti ma agixxitx fiz-zmien koncess mil-ligi ghall-esekuzzjoni tas-sentenza illi akkwistat kontra l-intimat, u li setghu jigu facilment evitati li kieku s-socjeta' rikorrenti agixxiet entro t-terminu li tikkoncedi l-ligi ghall-esekuzzjoni ta' tali sentenza li fil-kaz in ezami huwa ta' hames snin u dan a tenur tal-Artikolu 258(b) Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez a karigu ta' l-istess rikorrenti.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur